**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Gunju, 2016**

Talba Numru: 835/2015JB

Numru: 6

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

***vs***

**Josef Xuereb (K.I.: 85688M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu l-Awtorita Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mitt euro u tmenin centezmu (€400.80) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li gja thallas mill-Konvenut permezz tas-socjeta assikuratrici tieghu Gasan Mamo Insurance u liema ammont li jonqsu jithallas jikkostitwixxi hlasijiet amministrattivi li l-Awtorita Attrici ghamlet in konnessjoni ma' riparazzjonijiet fuq hsara kkawzata mill-Konvenut nhar is-27 ta' Ottubru 2013 u dan meta kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JBM251 ghamel hsarat fi dwal fi Triq l-Imdina gewwa Haz-Zebbug. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data tal-incident in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-digriet tieghu tas-26 ta' Ottubru 2015 (a fol 6) fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2016 fil-waqt li nghataw direttivi ghall-ahjar tmexxija tal-kawza;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat (a fol 10) laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar l-20 ta' Novembru 2015 ipprezenta risposta (a fol 10) li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Illi preliminarjament, dan it-Tribunal ma għandux il- ġurisdizzjoni u l-kompetenza *rationae materiae* sabiex jieħi konjizzjoni u jiddetermina l-kawża fl-ismijiet premessi u dana stante illi si tratta dwar danni naxxenti minn incident illi jinvolvi l-vetturi *ai termini* tal-paragrafu 1.2 tat-Taqsima tar-raba' skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387), u ghalhekk l-intimat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` rikorrenti, stante illi l-Awtorita` rikorrenti

accettat is-somma ta` tlett elef tlett mija u erbghin Euro (€3,340) *"in full and final settlement less administration and handling fee"* minghand is-socjeta` GasanMamo Insurance Limited, qua assikurattrici tal-konvenut, in konnessjoni mal-incident awtomobilistiku tas-27 ta` Ottubru 2013;

3. Inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont pretiz mill-Awtorita` rikorrenti mhuwiex dovut proprju stante li dan huwa rapprezentanti *administration* u *handling fees* liema spejjez gew mizjuda abbuzivament u minghajr ebda gustifikazzjoni legali da parti tar-rikorrent - hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża,

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skond il-każ.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda somma reklamata mill-Awtorita Attrici li huma jsejjhulha "*handling fee*" kif jirrizulta mill-fattura a fol 4. Din il-"*handling fee*" tigi intaxxata bhala percentwali ta' tnax fil-mija (12%) fuq l-ispejjez tat-tiswija. Kif jirrizulta mill-istess dokument, f'dan il-kaz ix-xoghol involut kien jikkonsisti f' "*removal, supply and installation of street lightning.*" Jirrizulta pacifiku li s-socjeta assikuratrici tal-Konvenut, Gasan Mamo Insurance hallset il-prezz tax-xoghol li jammonta ghal €3,340 izda qed tirrifjuta li thallas il-"*handling fee*" ta' 12% u cjoe s-somma ta' €400.80.

Dan spjegah fid-dettall Nicholas Baldacchino meta xehed (a fol 18) prodott mill-Awtorita Attrici. Hu jghid ukoll li minn dawn it-12%, sitta fil-mija (6%) huma drittijiet tal-periti skond it-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), wiehed fil-mija (1%) huwa d-drittijiet tal-kejl jew tal-*quantity surveyor* skond l-istess tariffa li tipprovdi ghal dritt ta' tnejn fil-mija (2%) li normalment jinqasam bejn l-appaltatur u l-kommittent fil-waqt li jghid li l-ufficcjal responsabbli addett mill-Awtorita Attrici kapaci jispjega ahjar f'hiex tikkonsisti l-bqija ta' hamsa fil-mija (5%). Hu kkonferma li c-cifra ta' €3,340 hija cifra li tkun thallset lill-kuntrattur imqabbad mill-Awtorita Attrici. Ikkonferma li s-socjeta assikuratrici hallset is-somma ta' €3,340 u pprezenta wkoll kopja tar-*remittance advice* fejn jinghad "*RD537/13 full and final settlement less administration and handling fee.*" Jghid li c-*cheque* gie msarraf minkejja tali klawsola u dan sabiex ikollhom flus biex ikunu jistghu jhallsu lill-kuntrattur.

L-Inginier Simon Grima xehed (a fol 37) u spjega l-process involut sabiex isiru riparazzjonijiet wara hsarat f'assi amministrati mill-istess awtorita. Hu stqarr li bhala *Chief Officer* mal-Awtorita Attrici sab sistema fejn hadd ma kien ihallas ghall-hsarat u ghalhekk introduca sistema li kienet anke tahseb ghall-intaxxar tal-ispejjez amministrattivi. Jghid li r-rata ta' 12% zviluppaha hu (a bazi ta' dak li xehed Baldacchino). Hu kkonferma li l-periti u l-*quantity surveyors* huma impjegati mal-Awtorita stess. Dwar il-5% li Baldacchino ma kienx kapaci jispjega, Grima jghid "*jiena gej mill-privat u fil-privat meta xi hadd jixtri xi haga ghal xi hadd iehor dan jiccargja 5%. Din il-5% tkopri l-ispejjez amministrattivi tad-dipartiment u mhijiex* commission."

Max Borg Bonello xehed (a fol 39) li hu impjegat mas-socjeta assikuratrici. Jghid li kien hemm nuqqas ta' qbil mal-Awtorita Attrici u kien hemm drabi fejn talbu taghrif dwar l-ispejjez tal-kuntratturi izda ma nghatawx sodisfazzjon. Jghid li meta hareg il-pagament mertu tal-kawza, huma ghamluh bl-intiza li qed ihallsu ghas-saldu. Jghid li entitajiet pubblici ohra ma jitolbu l-ebda hlas ta' *handling fees* ghal xogholijiet simili.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn jehtieg li tigi sorvolata l-eccezzjoni tal-kompetenza. Il-Konvenut jghid li l-foro kompetenti huwa c-Centru Malti tal-Arbitragg billi l-kaz odjern jirrigwarda hsarat kagunati minn vetturi. Jaghmel riferenza ghal paragrafu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387). Issa huwa minnu li l-origini tal-vertenza odjerna hija incident awtomobilistiku, imma hu car li l-vertenza odjerna tirrigwarda aspett burokratiku tax-xogholijiet li jsiru mill-Awtorita Attrici. Certament li meta gie introdott il-kuncett ta' arbitragg mandatorju l-legislatur ma kellux f'mohhu kwistjonijiet bhal dawk odjerni. It-Tribunal iqis li ghandu jzomm quddiem ghajnejh li jkun qieghed jabdika mir-responsabilita tieghu jekk jilqa' din l-eccezzjoni b'mod legger.

Fic-cirkostanzi odjerni, it-Tribunal ma jqisx li din l-eccezzjoni hija gustifikata u tenut kont tal-fattispecje tal-kaz, wiehed ikun qieghed b'mod semplicistiku jabdika mid-doveri tieghu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess ligi li kkrejat dan it-Tribunal specjali (liema ligi trid li kawzi li jingiebu hawnhekk jigu decizi skond l-ekwita u bi speditezza) kemm-il darba jasal ghall-konkluzjoni li tilwima dwar "*handling fee*" tista' titqies bhala wahda mit-tilwimiet li jaqghu taht id-dispozizzjonijiet tal-arbitraggi mandatorji. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda.

Sorvolata l-ewwel eccezzjoni, imiss li tigi trattata t-tieni eccezzjoni u cjoe dik li l-hlas sar ghas-saldu;

Ikkunsidra;

Illi r-rizoluzzjoni ta' din l-eccezzjoni qieghdha fl-interpretazzjoni tal-klawsola "*RD537/13 full and final settlement less administration and handling fee*" li s-socjeta assikuratrici kitbet fuq ir-*remittance advice*.

Fit-trattazzjoni taghhom, l-abbli difensuri tal-kontendenti ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tas-27 ta' Gunju 2014 fl-ismjiet "Lloyds (Malta) Limited *noe et vs* Air Malta plc" fejn fir-rigward ta' pagament ghas-saldu nghad li biex hlas jigi kkunsidrat ghas-saldu irid ikun hemm (i) offerta ta' pagament mid-debitur jew l-allegat debitur; (ii) illi fil-mument tal-offerta tal-pagament id-debitur irid "*jindika b'mod car u inekwivoku illi l-hlas qieghed jigi offert* in full and final settlement"; u (iii) li l-kreditur jaccetta dan il-pagament.

Issa huwa pacifiku mix-xhieda ta' Nicholas Baldacchino li dwar il-"*handling fee*" kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-Awtorita Attrici u s-socjeta assikuratrici tal-Konvenut.

Minbarra l-fatt li l-pagament sar mis-socjeta assikuratrici u mhux mid-debitur *per se* li madankollu ma tantx ghandu rilevanza fil-kaz odjern, minn qari tal-frazi li nkitbet fuq ir-*remittance advice,* ma jidhirx li din tista' tigi interpretata bhala indikazzjoni cara u inekwivoka li l-hlas qieghed isir biex tinghalaq il-kwistjoni. Ghall-kuntrarju, ir-riferenza

ghall-*"administration and handling fee*" jidher li qed timplika li l-kwistjoni tal-"*handling fee*" qed tibqa' impregudikata.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni se tigi michuda.

Sorvolata wkoll it-tieni eccezzjoni, imiss li tigi trattata t-tielet eccezzjoni u cjoe dik fil-mertu;

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn irid jinghad li fil-gurisprudenza taghna, min jallega li sofra hsara bi htija ta' haddiehor, "*e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa all'altro perche` la colpa deve assumare una forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danno.*"[1]

Aktar qrib lejn zminijietna il-Qorti tal-Appell irriteniet kif gej:

> Jibqa' fuq kollox il-principju generali regolanti materji ta' rizarciment ta' danni, bhal prezenti, li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz. Li jfisser li dan l-istess rizarciment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa.[2]

Issa minn dak li rrizulta mill-assjem tal-provi jidher li fil-waqt li l-Awtorita Attrici irrikorriet ghal servizzi ta' kuntrattur sabiex sewwiet il-hsara, uzat servizzi ta' professjonisti impjegati maghha u senjatament perit u *quantity surveyor*. Wiehed jifhem ukoll li sabiex tamministra x-xogholijiet l-Awtorita Attrici tinhtieg ukoll qafas amministrattiv li certament li l-gestjoni tieghu hija kostuza. Madankollu, it-Tribunal jinnota li fuq l-iskorta tax-xhieda ta' Baldacchino u Grima jidher bic-car li l-impozizzjoni tal-"*handling fee*" hija frott ta' decizjoni amministrattiva li tislet minn tariffi ufficcjali u allegati prassi adoperati fis-settur privat. Fil-fehma tat-Tribunal it-tariffa tal-periti tas-6% tapplika ghall-bini izda mhux ghar-rimpjazzar ta' arbli tad-dawl u l-istess jghodd ghat-tariffa tal-kejl. Fil-fehma tat-Tribunal, l-impozizzjoni tal-5% hija skandaluza ghaliex imsejjsa fuq l-allegata esperjenza ta' ufficcjal tal-Awtorita Attrici li jghid li kien jahdem fil-privat u li fil-privat kull min jaghmel xi haga ghal haddiehor jithallas dritt ta' 5%. Bir-rispett kollu, tali ragunament mhuwiex accettabbli qabel xejn ghaliex din il-prassi tal-5% mhijiex ippruvata u aktar u aktar meta tqis li l-Awtorita Attrici hija enti mwaqqfa u regolata b'ligi u *se mai* tali decizjonijiet ma jispettawx lil xi ufficcjal imma lill-dawk li l-istess ligi taghtihom is-setgha li jaghmlu regolamenti.

Fin-nuqqas ta' prova cara u inekwivoka li l-Awtorita Attrici effettivament nefqet is-somma reklamata sabiex inbidel l-arblu, it-Tribunal ma jqisx li ghandu jaccetta l-argument li qed iggib l-istess Awtorita. Kemm-il darba tali argument jigi accettat, it-Tribunal ikun qieghed jaccetta decizjoni tista' tghid arbitrarja li tapplika "*across the board*," mehuda minn awtorita li mhijiex imsejjsa fuq *vires* specifiku. Fin-nuqqas ta' regolament li jaccetta dan, tali spejjez iridu jkunu ppruvati u mhuwiex bizzejjed li wiehed joqghod fuq tariffa li tapplika ghall-periti sabiex jaghti prezz ghall-ispejjez allegatament inkorsi.

Ghalhekk, it-tielet eccezzjoni tregi u kwindi se tigi akkolta.

---

[1] "Ingegnere Frank Calafato *vs* Carmelo Grech" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 (Koll. [1921] XXIV.i.893)
[2] "Maria Xuereb *et vs* TBS Services Limited" deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 2003 (Appell Nru 566/2001)

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi prevja li jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Konvenut, jilqa' t-tielet eccezzjoni tieghu u konsegwentement jichad it-talba attrici.  Spejjez ikunu a karigu tal-Awtorita Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*